MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 620/2001

**Il-Pulizija**

**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**ANNA CISCALDI**
**MONICA AZZOPARDI**
**JOACHIM AZZOPARDI MAURIZIO AZZOPARDI**
**LISA MARIA SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANNA CISCALDI,** ta' erbgha w erbghin sena bint Saviour Ciscaldi u Maria Carmela nee Camenzuli, imwielda Marsa nhar t-tlieta ta' Mejju 1957 u residenti 135, Flat 1, Pieta Apartments, Triq ix-Xatt, Pieta u detentrici tal-karta tal-identita numru 0323357M, **MONICA AZZOPARDI nee CISCALDI** ta' hamsin sena bint Saviour Ciscaldi u Maria Carmela nee Camenzuli, imwielda Marsa nhar t-tmienja ta' Awissu 1951 u residenti 817, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita numru 0711151M, **JOACHIM**

**AZZOPARDI** ta' tlieta w hamsin sena bin Antonio u Maria nee Azzopardi nee Dunlop, imwieled Hamrun nhar l-erbgha ta' Marzu 1948 u residenti 817, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita numru 0242248M, **MAURIZIO AZZOPARDI** ta' sitta w ghoxrin sena bin Joachim u Monica nee Ciscaldi, imwieled H'Attard nhar s-sebgha ta' Lulju 1975 u residenti 65, Sqaq Sant'Antnin, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita numru 0468775M u **LISA MARIA SCHEMBRI** ta' tlieta w ghoxrin sena bint George u Carmen nee Cassar, imwielda Pieta nhar t-tlieta ta' Jannar 1978 u residenti 'Maldradon', Triq E.B. Vella, Mosta, u detentrici tal-karta tal-identita numru 55878M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fil-Hamrun

1. Voluntarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe f'vettura tal-ghamla Skoda Favorit bin-numru ta' registrazzjoni IAF 126 proprjeta ta' Mario Agius,, liema hsara tammonta ghal mitejn wiehed w erbghin lira maltin;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Mario Agius.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Ottubru 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja markat bhala dokument CSH 5.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarilhom nhar l-hdax ta' Frar 2003 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll c-certifikat mediku fil-konfront ta' Mario Agius esibit fl-atti bhala dokument CSH 11 u l-istima tal-hsarat fil-vettura tal-istess Mario Agius markata bhala dokument CSH 12 u c-certifikat mediku fir-rigward ta' Lisa Marie Schembri a fol 3A tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jirrimettu ruhhom ghal provi migbura fis-seduta tat-tmintax ta' Novembru 2003.

Ikkunsidrat;

Illi l-**Ispettur Carlo Ellul xehed nhar l-hdax ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 27 et seq** tal-atti fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 il-Pulizija tad-distrett irceviet informazzjoni li fi Strada Rjali
l-Hamrun kien hemm incident bejn Mario Agius u l-ex girlfriend tieghu l-imputata Anna Ciscaldi u l-familjari taghha l-ko akkuzati. Huwa sostna li Mario Agius kien irrappurtalu meta baghat ghalih, li l-imputati hebbew ghalih f'dak l-jum tal-erbgha ta' April 2001 w ikkagunalu feriti ta' natura hafifa u kkaguna hsarat fil-vettura numru ta' registrazzjoni IAF 126 proprjeta ta' Mario Schembri. Fl-ebda hin pero ma mar jaghmel rapport minn jeddu u li stqarr mal-Pulizija dak li allegatament gara wara li gie migbur minn go bar vicin fejn sehh l-incident.

**PS 177 Anthony Armeni xehed nhar l-hdax ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 29 et seq** tal-atti fejn qal li huwa rcieva telefonata mill-Kamra tal-Kontroll nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 li ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, kien sehh incident hdejn r-Radio City. Huwa mar fuq il-post indikat lilu flimkien ma PS 1112 Buhagiar u sab lil imputati Anna Ciscaldi u lil ohtha Monica Azzopardi imsawwta quddiem r-residenza taghhom 817, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun. Huma stqarrew li Mario Agius kien hebb ghalihom u sahansitra ghamel hsara fuq il-vettura JBE 106 proprjeta tal-boyfriend ta' Anna Ciscaldi. Mario Agius ma kienx fuq il-post u huwa akkumpanja lil ahwa Anna Ciscaldi u Monica Azzopardi l-Polyclinic minhabba l-feriti li kellhom. Wara huwa gabar lil Mario Agius u huwa

qllu li l-imputati hebbew ghalih u ghalhekk akkumpanjah wkoll l-Polyclinic. Huwa qal li mar jkellem lil Anna Ciscaldi u l-familjari taghha hebbew ghalih w kkagunawlu hsarat fil-vettura tieghu tal-ghamla Skond Favorit bin-numru ta' registrazzjoni IAF 126.

Din ix-xhieda giet kkonfermat minn PC 1112 Buhagiar fix-xhieda li huwa ta l-Qorti nhar l-hdax ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 33 tal-atti odjerni.

**Mario Sammut li jahdem mas-socjeta SBT li hi auto repair xehed nhar l-hdax ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 42 et seq** tal-atti fejn qal li huwa ezamina l-vettura Skonda Favorit bin-numru ta' registrazzjoi IAF 126 u hareg stima tal-hsarat li kellha li fil-fehma tieghu kienu jammontaw ghas-somma ta' mitejn u ghaxar liri maltin kif deskritti fid-dokmument CSH esbit fl-atti.

**Dottor Jurgen Abela xehed nhar d-disgha ta' Mejju 2002 kif jirrizulta a fol 52 et seq** tal-atti fejn li huwa kein ezamin lil Mario Agius fil-hamsa w ghoxrin ta' April 2001 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' filghodu u kien qed jsofri minn tlett girfiet inqas minn centimetru tul u xi girfiet ohra f'idu u fuq l-irkoppa li kienu feriti ta' natura hafifa. Mistoqsi jekk Mario Agius qallux kif gew kagjonati Dottor Jurgen Abela rrisponda fin-negattiv.

**Nathalie Bugeja xehdet nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 kif jirrizulta a fol 57 et seq** tal-atti fejn qalet li rat lil Mario Agius jaghti waqt li Monica Azzopardi kienet mal-art. Hija rat lil Monica Azzopardi kif wkoll lil Anna Ciscaldi. Hija stqarret li l-ko akkuzati Lisa Maria Schembri u Maurizio Azzopardi fl-ebda hin ma hargu mid-dar.

**Anthony Saliba xehed nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 kif jirrizulta a fol 59 et seq** tal-atti fejn qal li kien ra ragel jiggieled ma zewg nisa. Anthony Saliba kompla jixhed li jaf li dan kien Mario Agius u li kien hebb ghal Anna Ciscaldi u Monica Azzopardi u hu kien mar jferraq. Huwa jghid li fl-ebda hin ma ra lil Anna Ciscaldi tkisser xi karozza u l-imutata Maurizio Azzopardi u Lisa Maria Schembri fl-ebda hin ma hargu barra mid-dar fejn

kienu. Mistoqsi jekk l-imptuata Anna Ciscaldi u Monica Azzopardi hebbewx ghal Mario Agius dan ix-xhud wiegeb fin-negattiva u qal li huma ddefendew lilhom nfushom biss.

**Antonia Pulis xehdet nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 kif jirrizulta a fol 61 et seq** tal-atti fejn qalet li meta ttawwlet mill-gallarija taghha fil-fond 813 Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun, rat lil imputata Anna Ciscaldi mal-art u diversi nies jzommu ragel bil-qargha. [Il-Qorti nnotat li Mario Agius ghandu l-qaraha.] Pero ma setghetx tghid b'certezza jekk kienx Mario Agius li n-nies kienu qed jzommu.

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellix aktar provi xi tressaq u dan fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 u li l-allegat vittma Mario Agius ma xehedtx.

**Illi mill-provi prodotta l-akkuzi ma jirrizultawx pprovati lanqas remotament u ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe` l-artikolu 325(b), 221(1) u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputati ANNA CISCALDI, MONICA AZZOPARDI nee CISCALDI, JOACHIM AZZOPARDI, MAURIZIO AZZOPARDI u LISA MARIA SCHEMBRI hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------